# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt  Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru għoxrin (20) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013, fit-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qabel ma ordna l-gazebo's [ref punt 4.1], is-Sindku kellu jinforma lill-kunsillieri. Is-Sindku rrisponda li kellu jieħu deċiżjoni ta malajr u li l-Kunsill kien qabel illi ssir il-festa, u dawn il-gazebo's kellhom jinxtraw għal festa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ħadd ma kien se joġġezzjona x-xiri tagħhom, imma qal illi għandhom ikunu jafu qabel ma isir ix-xiri ta oġġetti li jiswew il-flus. Is-Sindku spjega li biex jinkrew kienu €200 il-waħda u ddeċieda li jinxtraw flok jinkrew.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva kwotazzjoni għall-ikla tal-anzjani ta' €8.50pp [ref punt 7.2]. Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-persuna u li għandu jaqdina jekk hemm qbil mill-Kunsill [l-ammont huwa l-istess bħall-irħas kwotazzjoni li rċieva l-Kunsill].

3.3 Is-Sindku kkonferma li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jieħdu ħsieb ix-xogħol fil-ġnien Dun Karm Vella. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sindku kien qed jakkuza bil kliem "frott ta' xogħol ħazin" [ref punt 10.2]. Is-Sindku qal illi hemm 2 wires illi ma jafx fejn huma mqabdin u li huma ħziena. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan huwa l-ewwel darba li kien hemm il-ħsara bid-dawl fil-ġnien.

3.4 Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku Johan Mula fejn ra l-ħofra f'triq San Pawl [ref punt 10.4]. Il-Viċi Sindku rrisponda li hemm waħda żgħira mal-bankina li diffiċli tara sakemm ma tkunx għaddej bil-mixi hemm. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil zied illi hemm ħofra f'triq Tal-Palma. Is-Sindku qal li ser ikunu lesti l-ġimgħa d-dieħla u kien ukoll ordna li jsir ix-xogħol tal-patching tal-Ħlantun u Ta' Ġawħar.

**4. Approvazzjoni tal-pagamenti**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Payment Approval Sheet għandha tiġi ffirmata fil-laqgħa li jmiss izda karta bl-ispejjez kurrenti li għandhom isiru ġiet provduta lill-kunsilliera [l-istess pagamenti li se jkunu fuq il-PAS] biex il-pagamenti jsiru qabel l-aħħar tas-sena. Il-kunsilliera qablu li jsiru l-pagamenti li se jkunu fuq il-PAS illi għandhom jiffirmaw fil-laqgħa li jmiss.

**5. Korrespondenza**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi MEPA bagħtu l-approvazzjoni għal-proġett ta' ġnien ġo triq Ananija.

5.2 Go telephony mhux se jkomplu s-servizz tagħhom fejn klijenti jistgħu jħallsu l-kont tat-telephone tagħhom fil-Kunsill [Mill-1 ta' Frar 2014]. Il-Kunsill qabel illi naraw jekk Maltapost ikunu lesti jaċċettaw dawn il-ħlasijiet, izda s-Sindku qal illi mhux se jkollna kamra lesta għal użu tagħhom sa qabel April (jistaw juzaw il-kamra li qed tinbena fejn il-lift).

5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill mhux se jieħu fondi mill-Gal Xlokk għat-tisbieħ tal-ġnien fl-area ta' Ta' Ġawħar.

5.4 Il-Kunsill irċieva ittra mis-sur Warren Muscat li jixtieq jorganizza duathlon fid-19 ta' Jannar u għalhekk għamel talba biex il-Kunsill jagħti No Objection biex nagħlqu triq il-Karwija bejn it-8am u

10am. Il-Kunsill qabel li jingħata n-No Objection. Il-Kunsill qabel ukoll illi ssir l-istess azzjoni għal attivita oħra f'Marzu. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jinġabar donazzjonijiet waqt l-attivita (il-ġabra mhux se ssir f'isem il-Kunsill) għal persuni li jibagħtu b'Multiple Scliosis. Qal illi l-atleti stess se jagħtu donazzjonijiet.

**6. Sports: Pjan tal-ħidma 2014**

6.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi tkellem mas-Segretarju tar-range ta' Ħal Far biex isir sparatura u li l-10 ta' Frar huwa vakanti. Qal illi hemm 25-30 persuni illi jixtiequ jieħdu sehem. Qal illi għandhom iħallsu €10 u li għandhom jixtru l-affarijiet għall-attivita biex juzaw fir-range. Qal illi se jkun hemm applikazzjonijiet illi għandhom jibagħtu l-Kunsill. Il-premijiet għandhom ikunu ibbazati fuq kemm jipparteċipaw nies [kemm ikun hemm flus għax-xiri tal-premji]. Is-Sindku ssuġerixxa li tkun miftuħa għal kulħadd u f'dan il-kaz għandna nixtru Sentre għar-rebbiegħ. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fl-10 ta' Frar ħafna nies ma jiġux peress illi l-festa ta' San Pawl. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jlesti l-poster tal-attivita.

6.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi 2 maratoni mhux se jsiru din is-sena u li s-sur Warren Muscat u s-sur Jonathan Balzan qegħdin jgħinu fl-inizjattiva biex isir maratona gor-raħal ta' Ħal Safi. Qal illi rotta diġa ġiet ippreparata għall-approvazzjoni.

6.3 Barra minn dawn l-attivitajiet [6.1-6.2] hemm ukoll l-inizjattiva msemmi f'punt 5.4. Il-Kunsill ġie magħruf ukoll rigward attivita oħra li għanda ssir f'Marzu. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi b'dawn l-attivitajiet, kif ukoll ma dawn l-attivitajiet sportivi li ilhom isiru fil-konfini tar-raħal, inkunu qegħdin insaħħu l-applikazzjoni tagħna mal-MOC għal 2014.

**7. Ħwejjeġ Oħra**

7.1 Is-Sindku qal illi, flimkien ma Sindki oħrajn, qed jagħmel talba biex il-Kunsill jieħu allokazzjoni fejn jikkonsidraw sew l-infieq li ssir fuq l-amministrazzjoni għax ħafna Kunsilli ma jieħdux bizzejjed flus għal dawn il-pagamenti li għandhom isiru bilfors matul il-sena.

7.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm culvert f'triq in-Nassaba li għanda bzonn titnaddaf għax qed izomm l-ilma. Is-Sindku qal li ser imur jara x'jista jsir,

7.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-kors tad-Drama se jerġa jkompli mis-7 ta' Jannar u li se jkollhom 13/14 sezzjoni. Il-prezz se tibqa l-istess [€15 u €20 għat-tfal mill-irħula oħra] u li se jagħmlu play waqt l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

7.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula għamel talba biex nagħlqu triq il-Karwija biex nifilmjaw in-narratur għal-awdjovisual. Qal illi ma jafx f'liema data se jifilmjaw hemm izda se tkun xi darba s-Sibt filgħodu.
Zied illi jekk possibli jkun hemm ħaddiem preżenti biex itella l-bandiera waqt il-filming.
Qal ukoll illi xi darba se ssir filming waqt laqgħa tal-Kunsill.
Qal ukoll illi għandhom bzonn jidħlu fix-xelters. Is-Sindku qal illi l-aqwa li mhux is-Sibt jew il-Ħadd.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 22 ta' Jannar 2014 fl- 4pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |